TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 51

Kaz Nru. 60

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina M'Assunta sive Sonja Falzon
u
Messrs.Rassac Leather Goods.

Data : 14 ta' Settembru, 1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Il-kaz prezenti gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali fis-27 ta' Gunju, 1979, fuq talba ta' Miss Maria Assunta Falzon, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28(2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. Miss Falzon kienet allegat li hija kienet giet imkeccija ngustament minn Messrs. Rassac Leather Goods.

2. Il-partijiet. Ghal Miss Falzon deher is-Sur Albert Tabone, Industrial Consultant, fil-waqt li Messrs. Rassac Leather Goods kienu rapprezentati mis-Sur Edwin Cassar, Manager, assistit mis-Sur Vincent Bugeja bhala Adviser.

3. Ftehim u konciljazzjoni. It-Tribunal jaf sewwa li, fejn ikun hemm tilwim dwar xoghol, il-konciljazzjoni u twassil ghal ftehim m'humiex kompitu tieghu. Dawn jappartenu ghal fazi qabel it-tilwima tasal quddiem it-Tribunal, u infatti s-setghat biex jitfittex ftehim volontarju m'humiex fil-ligi moghtija lit-Tribunal. Ix-xoghol tat-Tribunal huwa li jarbitra meta ma jintlahaqx ftehim. Izda t-Tribunal ma jistax ma jhossx li l-veru ghan tal-ligi kollha, li jisimgha l-Att

/2. .....

ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, huwa li kemm jista' jkun tevita kwistjonijiet ta' xoghol, u ghalhekk li tipprova ssolvihom aktarx milli tarbitrahom. Ghalhekk it-Tribunal rega' heggeg lill-partijiet biex jiltaqghu, u dan sar, u milli jidher ghal ftit ma intlahaqx ftehim. Ta' min izid li fi hdax-il kaz intlahaq ftehim wara li l-kaz kien beda jidher quddiem it-Tribunal.

4. <u>Smigh u xhieda</u>. Inzammu tlett seduti biex fihom instemgha l-kaz. L-applikanti Miss Falzon giebet bhala xhieda lil Dr. John Vella, M.D., tabib privat taghha, lil Miss Mary Attard, Machinist ma' Rassac, lil Miss Catherine Sciberras, ukoll Machinist ma' Rassac, u lil Mrs. Hilda Arpa, Supervisor ma' Rassac, u offriet ukoll bil-gurament ix-xhieda taghha stess. L-employer, Rassac Leather Goods, offra ix-xhieda ta' Miss Margaret Reitano, Machinist mieghu wkoll.

5. <u>Il-kaz</u>. Miss M'Assunta Falzon kienet giet impjegata bhala Machinist ma Messrs. Rassac Leather Goods, ghal zmien indefinit, fis-7 ta' Novembru,1977. Ma kienx hemm ftehim fuq probation, u ghalhekk kienet tapplika dik tas-soltu, ta' tlett xhur, skond l-Att Nru. XI ta' l-1952. Qabel impjegat lil Miss Falzon, il-kumpannija talbet certifikat mediku, u dan Miss Falzon ipproduciethu minn ghand Dr. John Vella, M.D., tabib privat taghha. Ic-certifikat, li kopja tieghu giet esibitha, igib id-data 27 ta' Ottubru, 1977, u jghid hekk:

> "To certify that Miss Sonja Falzon of 48, Sliema Road, Gzira, has been medically examined by me and found to be fit and healthy to work in a factory."

Fit-30 ta' Marzu, 1979, Miss Falzon giet imkeccija minn ma' Rassac Leather Goods, u c-certifikat ta' temm ta' mpieg moghti lid-Dipartiment tax-Xoghol qal, bhala raguni ghat-tkeccija :

"Too often absent and lack of work in the factory."

6. Ragunijiet ghat-tkeccija. Fuq iz-zewg ragunijiet ghat-tkeccija, moghtija lid-Dipartiment tax-Xoghol, l-employer spjega li hu kellu redundancy fil-fabbrika, u din kienet raguni principali ghaliex hu kecca lil Miss Falzon. Waqt it-trattazzjoni tal-kaz, is-Sur Cassar zied raguni ohra ghat-tkeccija, dik ta' xoghol hazin (bad workmanship).

7. Osservazzjonijiet. Dan l-"overlapping" ta' tlett ragunijiet li ghalihom impjegata giet imkeccija ma tantx jirrifletti carezza ta' hsieb da parti ta' l-employer. Infatti certu hin, peress li dwar redundancy hemm provizzjonijiet f'ligi ohra li mhix dik li holqot dan it-Tribunal, hassu konfuz anke it-Tribunal ghax kien hemm dubbju jekk hu setghax jittratta l-kaz. Billi z-zewg nahat accettaw li t-tlett ragunijiet ikkontribwew ghat-tkeccija, allura l-kaz setgha jkompli jigi ttrattat minn dan it-Tribunal.

8. Apprezzament ta' ragunijiet. Mela ghalhekk it-Tribunal issa jipprocedi biex jevalwa ir-ragunijiet li wasslu lill-employer biex jaghmel din it-tkeccija, halli wara wiehed ikun jista' jizen jekk it-tkeccija kienetx gusta jew le.

(a) L-ewwel raguni, "too often absent".

L-employer ilmenta li c-certifikat mediku, li fuqhu giet impjegata Miss Falzon, ma semma xejn id-disagji gravi li l-applikanti kienet issofri perjodikament. Dr. Vella taht gurament qal li disagji perjodici normali bhal dawn ma jissemmewx f'certifikat mediku li jghid persuna jekk hix "fit and healthy", ghax min ibati bihom ma jkunx "marid". Huwa ghalhekk ikkonferma c-certifikat tieghu tas-27 ta' Ottubru, 1977. L-employer osserva:

/4. .....

(i) Li Miss Falzon hija stess ma tatt ebda avviz ta' dawn id-disagji taghha, u ma wriet ebda sinjal taghhom fil-bidu ghax ma kienet assenti qatt waqt l-ewwel xhur ta' probation. Dan hu korroborat mid-dati ta' assenzi murija, u gie ikkontestat mill-applikanti Miss Falzon biss billi qalet li f'dawk ix-xhur id-disagji okkorrew dejjem fil-week-ends u hi ma kelliex bzonn tHalli.

(ii) Li huwa ghat-tmexxija tal-fabbrika kellu bzonn ikun jaf jekk xi mpjegata kellha xi bzonnijiet specjali dwar attendenza u assenzi. Infatti tella bhala xhud lis-Sinjorina Margaret Reitano, li xehdet li hi kienet dahlet tahdem mieghu disa' snin ilu (u ghadha mieghu) bil-ftehim li kull sajf tmur tara l-ġenituri taghha l-Italja.

Il-fehma tat-Tribunal hija li, waqt li dawn id-disagji perjodici mhumiex tort ta' l-impjegata, anqas ma huma tort ta' l-employer, li jsib ruhu mfixkel bihom fil-produzzjoni tieghu.

(b) <u>It-tieni raguni, "lack of work in factory"</u> (redundancy). Dan l-aspett ta' l-impieg, ir-redundancy, huwa kopert mill-Att Nru. XI ta' l-1952, li jipprovdi li johrog l-ewwel min ikun dahal l-ahhar f'dik il-klassi ta' mpjegati milquta mir-redundancy. Miss Cassar tallega li Miss Catherine Sciberras, Machinist ukoll, giet impjegata warajha, igifieri, fit-2 ta' Ottubru, 1978. Dan gie korroborat mix-xhieda ta' l-istess Miss Sciberras.

Ghalhekk, ghal dik li hi redundancy, it-Tribunal jara li l-employer agixxa kontra l-ligi (Att Nru. XI ta' l-1952), u din allura bhala raguni ghat-tkeccija ma tghoddx.

/5. .....

(c) It-tielet raguni, xoghol hazin (bad workmanship). Mrs Hilda Arpa, supervisor ma' Rassac Leather Goods ghal dawn l-ahhar tnax-il sena, xhud migjuba mill-applikanti, xehdet waqt kontro-ezami mis-Sur Cassar, li x-xoghol li kienet taghmel Miss Falzon spiss kien ikun hazin u jkollu jerga' jsir. Hija stess kienet wissiet lil Miss Falzon dwar xoghol hazin. Miss Reitano wkoll qalet li x-xoghol ta' Mizz Falzon gie li kien difettuz. Id-difiza ta' Miss Falzon uriet li hi ma kienetx l-unika wahda li taghmel zbalji fix-xoghol. Imma mix-xhieda hareg li l-aktar zbalji kienu jkunu taghha.

Dwar xoghol hazin, it-Tribunal ihoss li, billi Miss Falzon ghaddiet il-probation, billi l-izbalji ma kienux kontinwi, u billi hi ma kienetx l-unika li taghmel zbalji (anke jekk kienet l-izjed wahda), din ir-raguni wahidha ma kienetx sufficjenti biex twassal ghal tkeccija qabel numru ta' mizuri dixxiplinari ohra. Izda, flimkien ma l-ewwel raguni ta' assenzi spiss, ir-raguni ta' xoghol hazin tassumi piz aktar. Flimkien, iz-zewg ragunijiet joholqu ezempju hazin ghall-impjegati l-ohra u jaffettwaw hazin il-produzzjoni, specjalment meta maghhom jizdied il-fatt li Miss Falzon ma hadmetx overtime fi zmien li l-factory kollha kienet qed tahdem overtime.

9. Sommarju ta' l-apprezzament tat-Tribunal. Fil-qosor mela, it-Tribunal isib illi redundancy ma tistax tingieb bhala raguni ghal tkeccija f'dan il-kaz; u li z-zewg ragunijiet l-ohra flimkien (assenzi u xoghol hazin) jikkostitwixxu akkuza serja kontra l-impjegata.

10. Twissijiet (warnings). Billi l-partijiet hawn kwazi dejjem ikunu godda, it-Tribunal ihoss li ghandu jtenni li kull impieg huwa sagru, u dan huwa maghruf ukoll taht normi internazzjonali ta' l-I.L.O. (International Labour Office).

/6. .....

Ghalhekk ma jistax jintemm hlief ghal raguni serja u bizzejjed, u dan biss wara numru ta' twissijiet ippruvati. Fil-kaz li ghandna quddiemna, hareg mix-xhieda ta' Mrs. Hilda Arpa li din kienet wissiet lil Miss Falzon, kemm id-dar u kemm fuq ix-xoghol, kemm dwar l-assenzi taghha, kif ukoll dwar xoghol hazin. Dawn it-twissijiet, qalet Mrs Arpa u qal ukoll is-Sur Cassar, inghataw fuq instructions diretti ta' l-istess Sur Cassar. Anke jekk fuq dan kien hemm xi dubbju, il-posizzjoni ta' Mrs Arpa bhala Supervisor fil-fabbrika kienet taghtiha d-dritt, anzi d-dover, li taghti warnings formali. It-Tribunal jaccetta li f'dan il-kaz inghataw twissijiet xierqa u bizzejjed.

11. Konkluzjoni. Ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, kif sommarizzati fil-paragrafu 9, it-Tribunal isib li Miss M' Assunta Falzon kellha tort, imma mhux tali li jiggustifika l-kastig estrem tat-tkeccija, specjalment meta hi kienet ghaddiet il-probation (meta forsi hbiet in-nuqqasijiet taghha) u meta riedet kienet taf tahdem tajjeb.

12. AWARD

(a) It-Tribunal ghalhekk isib li t-tkeccija ma kienetx gustifikata (ghad li setghu ttiehdu mizuri dixxiplinarji ohra), u jordna li Miss M'Assunta Falzon terga' tinghata posta ma Rassac Leather Goods bl-istess grad, l-istess paga, l-istess conditions, u l-istess seniority ta' qabel, u dan b'effett minn ghada, 15 ta' Settembru, 1979, jew mill-ewwel working day normali ta' Rassac Leather Goods jekk dawn is-Sibt ma jahdmux.

(b) Ghal dak li hu kumpens mitlub mill-applikanti, it-Tribunal ghandu quddiemu n-nuqqasijiet ta' Miss Falzon. kif ukoll dawk l-assenzi li mhumiex tort taghha imma anqas ta' l-employer, u irid jghin biex din kemm tista' tirranga u ma tkunx ta' ezempju hazin ghall-impjegati l-ohra, la bl-

ingieba taghha u anqas bil-fatt li terga' tidhol. Ghalhekk jikkoncedilha biss li d-ditta Rassac Leather Goods thallas in-National Insurance contributions ghaz-zmien kollu li Miss Falzon kienet wieqfa mix-xoghol, kif ukoll ginghatejn biss paga kif kienet meta twaqqfet mix-xoghol, "rounded off" ghal £M40 (erbghin lira maltija). Dawn il-hlasijiet ghandhom isiru mill-aktar fis, u mhux aktar tard mid-29 ta' Settembru,1979.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

14 ta' Settembru, 1979.

em